MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 119/2008

Kawza fil-lista: 8

**T Y**
**Vs**
**P R V, l-Avukat Dottor Martin Fenech u l-Prokuratrici Legali Veronica Rossignaud kuraturi deputati nominati biex jirrapprezentaw lill-minuri H R**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi fit-23 ta' Settembru 2006 twieldet lill-intimata P R V, l-minuri H R, skond l-Att tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. AC1;

2. Illi ghalkemm l-intimata giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 9 ta' Jannar 2008 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. AC 2) kif mitlub skond l-artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta debitament notifikata lill-intimata sabiex tipprezenta nota fejn tiddikjara li qed taqbel mar-registrazzjoni tar-rikorrent bhala l-missier naturali tal-minuri, l-intimata baqghet inadempjenti;

3. Illi l-minuri giet registrata fir-Registru Pubbliku mill-intimata b' Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 3146 tas-sena 2006, taht missier mhux maghruf;

4. Illi r-rikorrenti ghandu interess illi jirrikonoxxi l-minuri bhala l-wild naturali tieghu;

5. Illi kontestwalment r-rikorrenti qieghed jipprezenta rikors sabiex jinhatru deputati kuraturi sabiex jirraprezentaw il-minuri H R.

Jghidu ghalhekk l-intimati, ghar-ragunijiet suesposti, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-minuri H R hija bint naturali tar-rikorrent T Y billi jekk ikun il-kaz tinnomina espert mediku sabiex isiru t-testijiet genetici appoziti sabiex tigi stabbilita definittivament il-paternita' tal-minuri;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri H R numru ta' iskrizzjoni 3146 tas-sena 2006, jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi fejn fl-Att hemm referenza ghall-konnotati ta' missier it-tarbija, il-kliem *unknown father* jigu sostitwiti bis-segwenti konnotati: T Y, karta ta' l-identita' numru 179170(M), imwieled Attard u residenti Rahal Gdid, iben Joseph Y.

3. Tiffissa l-modalitajiet ta' access li r-rikorrenti ghandu jkollu a favur tal-minuri H.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 9 ta' Jannar 2008 kontra l-intimata li hija min issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-kontro-talba li biha l-konvenuta P R V rikonvenzjonanti ppremettiet u talbet hekk: li minn relazzjoni extra-matrimonjali li l-attur kellu mal-istess konvenuta, twieldet it-tifla H R fit-23 ta' Settembru 2006; li mit-twelid tal-minuri l-attur qatt ma wera nteress fit-tifla, u qatt ma hallas manteniment ghaliha lill-konvenuta; li, jekk il-minuri tigi esposta ghal familja ohra f' dan l-istadju bikri ta' tfulitha, dan ser ikun ta' hsara emotiva, psikologika u ntelletwali ghaliha; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti:

1. Tikkundanna lill-intimat T Y ihallas lir-rikorrent retta alimentarja ghal bintu H R f' dak l-ammont u taht dawk il-modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u dan mit-23 ta' Settembru, 2006 meta twieldet il-minuri H R;

2. Tordna li tali manteniment jitnaqqas direttament mill-paga ta' T Y u jithallas direttament lil P R V.

3. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri H R unikament f' idejn P R V.

4. Tordna illi l-kunjom tal-minuri H R jibqa' R u dan fl-ahjar interess tal-minuri.

Bl-ispejjez kontra T Y ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' l-attur rikonvenzjonat li biha eccepixxa: li, wara li jsiru t-testijiet genetici u tigi konfermata l-paternita' tat-tifla, huwa lest li jhallas manteniment ghaliha skond l-introjtu u l-ispejjez tieghu, tenut kont tal-bzonnijiet tal-minuri, izda ma jaqbilx li dan il-manteniment ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tieghu; li jopponi li l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata f' idejn il-konvenuta R biss, stante li ma hemmx ragunijiet ghaliex hu ghandu jiccahhad mill-kura u kustodja ta' bintu; li fl-eventwalita' li tigi konfermata l-paternita' tal-minuri, kunjomha ghandu jinbidel biex jirrifletti l-kunjom ta' missierha, cioe' Y, u dan skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-diversi noti prezentati mill-Agenzija Appogg;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsdirat;

**Azzjoni u Kontro-Talba**
Illi permezz ta’ dawn il-proceduri, il-konvenuta R V qeda titlob li l-Qorti tordna li l-attur ihallas lilha manteniment ghat-tifla H, bint iz-zewg partijiet, u li tali manteniment jitnaqqas direttament mill-paga ta’ l-istess attur. Il-konvenuta qed titlob ukoll li l-Qorti tafda f’ idejha esklussivament il-kura u kustodja tat-tifla; kif ukoll li l-kunjom tat-tifla jibqa’ R fl-ahjar interess tal-minuri.

Minn naha tieghu l-attur jiddikjara li huwa dispost li jhallas manteniment ghat-tifla tieghu, izda jopponi li dan ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tieghu; ukoll qed jopponi li l-kura u kustodja tkun fdata esklussivament f’ idejn din il-konvenuta; u qed jopponi wkoll li l-kunjom tat-tifla jibqa’ dak tal-konvenuta. Huwa qed jitlob li jinghata access ghat-tifla.

**Kura u Kustodja**
Illi fic-cirkostanzi, fejn it-tifla baqghet titrabba mill-konvenuta, b’ access regolat favur l-attur, il-Qorti hija tal-fehema li jkun fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja taghha tkun fdata esklussivament f’ idejn l-omm, il-konvenuta R V, b’ dan pero’ li decizjonijiet importanti dwar sahha u edukazzjoni tal-minuri ghandhom jittiehdu bi qbil bejn iz-zewg genituri; ukoll, li l-attur ghandu jinghata mill-konvenuta, l-informazzjoni kollha rigwardanti s-sahha u l-edukazzjoni tat-tifla, u qed jinghata l-awtorizzazzjoni li wkoll jottjeni din l-informazzjoni minghand id-dipartiment koncernati, l-Isptarijiet u l-iskola fejn tkun tattendi t-tifla.

Illi l-access favur il-missier ikun hekk: kull nhar ta’ Erbgha mill-5.00pm sas-6.30pm, u fis-sajf jigi estiz ghas-7.30 pm; u kull nhar ta’ Sibt mill-4.30pm sas-7.00pm, u fis-sajf jigi estiz sas-7.30 pm.

Il-minuri ghandu jingabar ghall-access mill-missier mir-residenza tal-minuri, u jigi ritornat, mill-missier fl-istess post - sakemm il-partijiet ma jiftehmux mod iehor.

**Manteniment**
Illi l-prinicpju regolatur f' dan il-qasam huwa li z-zewg genituri ghandhom l-obbligu li jaghtu s-sehem taghhom ghat-trobbija ta' uliedhom. F' dan il-kaz, is-sehem tal-konvenuta jikkonsisti principalment fl-oneru tat-trobbija tat-tifel, filwaqt li dak tal-attur jikkonsisti principalment f' kontribut finanzjarju.

Illi mill-provi jirrizulta li fis-sena 2009, l-attur, li hu mizzewweg u ghandu tifel minuri, kellu ntrojtu gross ta' €17,117.58, filwaqt li l-konvenuta R, li mhijiex mizzewwga u tghix ma' ommha, kellha ntrojtu gross ta' €14,082.23. It-tifla llum ghandha circa sitt snin u tmur l-iskola.

Illi din il-Qorti hija tal-fehema li l-kontribut ta' l-attur ghall-manteniment tat-tifla tieghu ghandu jikkonsisti fir-retta alimentarja ta' mija u ghoxrin ewro [€120] kull erba' gimghat li huwa ghandu jghaddi lill-konvenuta R fil-bidu ta' kull erba' gimghat; inoltre, ghandu jhallas <u>nofs</u> l-ispejjez edukattivi tal-minuri u dawk medici ta' natura straordinarja, inkluzi spejjez relatati mad-dentistrija u l-oftamologija jekk ikun il-kaz. F' din il-komputazzjoni l-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-konvenuta hija fil-pozizzjoni li anke hi tikkontribwixxi finanzjarjament ghat-trobbija tat-tifla.

Ghalhekk tordna li l-attur ihallas lill-konvenuta P R V l-imsemmija retta alimentarja, flimkien ma' nofs l-ispejjez medici u edukattivi kif stabbilit fil-paragrafu precedenti.

Il-Qorti tordna li l-manteniment dovut mill-attur jithallas billi jigi depozitat f' kont bankarju indikat mill-konvenuta permezz ta' nota fl-atti odjerni.

Illi rigward l-ammont dovut bhala manteniment arretrat mid-data tat-twelid tat-tifla, il-Qorti taghmel referenza ghall-verbal registrat mill-partijiet fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2012 fejn iddikjaraw hekk: "Il-partijiet jaqblu li l-ammont tal-arretrati ta' manteniment dovut mill-attur lill-konvenuta sallum rigwardanti l-minuri huwa ta' tlett elf u hames mitt

ewro [€3,500]”[1] Ghalhekk l-attur qed jigi ordnat li jhallas lill-istess konvenuta din is-somma, flimkien mar-retta alimentarja ghax-xahar ta’ Gunju jekk din tkun ghadha ma thallsitx.

Jigi osservat li l-manteniment dovut lill-attrici ghall-manteniment tat-tifel minuri, huwa dritt tal-minuri, u jithallas fl-interess ta’ l-istess.

**Kunjom**
Illi rigward il-kunjom, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 92 tordna li l-kunjom tal-minuri jkun “Y R V”; u l-Qorti ma thoss li z-zieda tal-isem Y ghandu jkun ta’ xi dannu ghat-tifla li wara kollox hija taz-zewg genituri.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar il-kumplament ta’ l-azzjoni billi tilqa’ t-tielet talba u tordna li l-access tal-missier ikun kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Kura u Kustodja’;

Tiddecidi dwar il-kontro-talba billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba fit-termini fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’;
[2] tichad it-tieni talba;
[3] tilqa’ t-tielet talba fit-termini fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘kura u kustodja’;
[4] tichad ir-raba talba u tordna li l-kunjom tat-tifla jkun ‘Y R V’.

L-ispejjez ta’ dan il-gudizzju jkun a kariku taz-zewg partijiet fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Fol.264